MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2014

Appell Kriminali Numru. 164/2013

Appell Nru: 164/2013

Il-Pulizija

Vs

Shawn Camilleri

Illum, 8 ta' Mejju, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Shawn Camilleri, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 264687M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Akkuzat talli fis-17 ta' Dicembru, 2011, ghall-habta tal-15:45hrs waqt li kien qieghed ghal-kacca fl-inhawi tal-Mistra, jikkaccja jew jipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawn ir-

regolamenti u skond il-kundizzjonijet ta' kull licenzja li tinghata tahtha u dan bi ksur ta' regolament 4(1)(a), SL 504.71.

Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien f'vettura numru tar-registrazzjoni GBD826, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar ikkargata jew barra mill-ghata taghha, jew mar iddur ghal xi ghasfur, jew ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur u dan bi ksur ta' Reg 18(1)(g), SL 504.71.

Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kien qed igorr arma tan-nar, kemm jekk ikkargata kemm jekk mhix, li ma kienitx fl-ghata taghha, jew spara xi arma tan-nar, waqt li kien inqas minn 200 metru minn xi belt jew rahal, jew zona abitata ohra, jew xi wahda mix-xtajtiet elenkati fl-iskeda VII, jew f'medda ta' 50 metru minn toroq principali jew arterjali u dan bi ksur tar-Reg 18(2)(a) SL 504.71.

Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm jew garr arma tan-nar li kienet ikkargata, jew bl-iskratac fil-kompartiment tal-iskratac tal-arma, jew barra l-ghata taghha, jekk mhux f'post fejn huwa permess l-isparar fuq il-kacca u dan bi ksur ta' Reg 17, SL 504.71.

Il-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena skond il-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti, kif ukoll is-sospensjoni tal-licenzja ghall-zmien ta' mhux inqas minn sena.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fl-10 ta' April, 2013, fejn il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 4(1)(a) SL 504.71, 18(1)(g), SL 504.71, 18(2)(A) SL 504.71 u 17 SL 504.71; sabet lill-imputat hati u kkundannatu multa ta' elf ewro (€1000), il-konfiska tal-arma esebita u l-iskwalifika tal-licenzja tal-imputat ghall-garr u zamma ta' arma tan-nar ghall-perijodu ta' sena. Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lil hati.

Rat ir-rikors tal-appell ta' l-imsemmi Shawn Camilleri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-17 ta' April, 2013, fejn talab lil din il-Qorti tilqa` l-appell, thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata fejn sabithu hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi lf-ewwel lok, il-fatti m'humiex dawk prospettati mill-prosekuzzjoni ghaliex mhux minnu li l-appellant kkommetta r-reati adebitati lilu, wisq anqas l-istess reati gew ppruvati sal-grad rikjest fil-ligi. L-istess reati huma ta' indoli penali u ghalhekk il-prosekuzzjoni kellha, bid-dovut rispett tipprova l-istess addebiti fil-konfront tal-imputat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Mill-assjem tal-provi prodotti mill-prosekuzzjoni kien jirrizulta ampjament car li ma ngabet ebda' prova in sostenn ghall-akkuzi odjerni.

   L-appellant isaqsi f'dan listadju, x'kienu effettivament il-provi migjuba kontra tieghu? L-affidavits tal-Pulizija huma fin-natura taghhom prova detto del detto u konsegwentement mhux ammissibli bhala prova. Dan qieghed jinghat fl-isfond tal-fatt li f'dan il-kaz partikolari, ghal kuntrarju ta' kazi ohra, il-Pulizija li accedew fuq il-post, ma rriskontraw okkularment ebda' akkadut. Huma gew biss infurmati hin wara li sehh l-akkadut u hadd minnhom ma kien f'pozizzjoni jaghti verzjoni diretta dwar x'irriskontraw huma personalment li b'xi mod johloq ness li jwassal ghal-grad tal-prova essenzjali biex tinstab htija. Tennew biss fl-affidavits taghhom x'qalulhom terzi persuni li kienu fil-post fil-hin tal-istess akkadut.

2. Illi fit-tieni lok, lanqas l-istess xhieda prodotta in persona mill-prosekuzzjoni in sostenn ghall-akkuzi ma taw ebda ombra ta' prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni dwar il-fatti speci tal-kaz in dizamina.

   Ingieb sabiex jixhed is-Sur Stanley Gatt, persuna impjegata fil-MEPA li ddepona dwar it-tip tat-tajra maqtula li kienet ghaddiet ghandu biss minghand il-pulizija tal-ALE. Anke hawn bir-rispett dovut, ghalkemm ix-xhieda moghtija minn Stanley Gatt ma tohloq ebda stat fil-konfront tal-esponent appellat, l-istess Stanley Gatt kien biss xhud tal-prosekuzzjoni li esprima tezi esperitali ex parte. Bir-rispett dovut dan xehed li it-tajra in kwistjoni kienet wahda protetta, pero` anke hawn wiehed jinnota l-irregolarita' fis-sens illi s-Sur Gatt kien u jibqa' xhud tal-prosekuzzjoni u d-difiza li ghandu jesplita tali inkarigu. Izda, minkejja dan premess, anke jekk din l-Onorabbli Qorti thoss li ghandha tiskarta din it-tezi, fis-sostanza, d-depozizzjoni tas-Sur Stanley Gatt ma tista' qatt tikkwalifika bhala prova inkriminanti fil-konfornt tal-esponenti stante li dan xehed biss dwar jekk it-tajra hix protetta u dwar il-hin li bejn wiehed u iehor inqatlet din l-istess tajra.

Fl-istess seduta xehed ukoll is-Sur Jonathan Bugeja Stelgold li kien wiehed minn dawk il-persuni li kien qed jezercita l-passatemp tieghu. Dan b'mod car u ampju xehed li dakinhar sema' sparatura fl-inhawi u kien innota tajra fil-bahar filwaqt li kien ma shabu. Mistoqsi mill-prosekuzzjoni u direttament anke mill-Qorti jekk kienx ra b'ghajnejh min spara jew jekk addirittura gharafx lill-imputat, dan qal b'mod skjett li ma kienx jaf min spara u lanqas kien f'posizzjoni jidentifika' lill-imputat. Ghal kuntrarju huwa xehed li xi hadd li kien hdejhom kien qallu li raw vettura fil-vicinanzi imma fl-ebda hin ma xehed li l-istess sparatura saret mill-vettura, minkejja mistqsi mistoqsija diretta f'dan is-sens.

Xehed ukoll is-Sur Jason Cassar fejn bl-istess mod huwa qal li kien involut fil-gbir tat-tajra izda ma kellu ebda hjiel dwar min kien spara fuq it-tajra. Dan ukoll ma kienx f'posizzjoni li jidentifika lill-imputat u stqarr tul id-depozizzjoni tieghu li huwa kien biss qed jirrepeti x'qallu haddiehor li kien fil-vicinanzi taghhom. Izda hadd izjed ma ttella jidhed dwar il-kaz indizamina.

Iz-zewg xhieda jsostnu li ma jafux x'kienet ezatt l-ghamla tal-vettura tant li wiehed jghid li l-vettura kienet Suzuki, izda hadd minnhom ma kien jaf x' kien effettivament in-numru tar-registrazzjoni. Dawn kienu l-uniku xhieda li ddeponew in persona u li certament id-depozizzjoni taghhom m'hix inkriminanti ghall-ahhar.

3. Fit-tielet lok, anki l-istess xhieda tal-pulizija permezz tal-affidavits tohloq inkonsistenza u kontradizzjoni skjetta dwar il-verzjoni tal-fatti. L-ewwel Qorti kellha quddiemha sitwazzjoni fejn l-imputat ghazel li ma jaghtix ix-xhieda tieghu u ghalhekk kellha tistrieh fuq il-provi prodotti. L-istess affidavits huma fis-sostanza kontradittorji ghall-ahhar. Jirrizulta liz-zewg ufficjali tal-Pulizija kellmu lill-imputat fl-Ghassa tal-Qawra fil-prezenza ta' xulxin. Madankollu, jirrizulta li PS1033 jghid li l-appellant baqa` jichad l-involviment tieghu, mentri l-istess Pulizija li kien qed jakkumpanja lis-Surgent 1033, jghid fl-affidavit tieghu li l-appellant kien ammetta mieghu. Hawn jiskatta l-principju in dubbio pro reo. Konsegwentement tezisti sitwazzjoni fejn l-istess xhieda tal-Pulizija intrinsikament tinnewtralizza kull htija u dan stante li lanqas l-istess Pulizija ma qablu bejniethom. Hawn mhux si tratta verzjoni tal-Pulizija li giet kontradetta minn dik tal-imputat, izda verzjoni ta' Surgent tal-Pulizija kontradetta minn kuntistabbli li kien fil-prezenza tal-istess Surgent meta gie mitkellem l-appellant. Jekk wiehed biss ukoll isaqsi which is which minn dawn iz-zewg affidavits qed jghid il-verita', l-istess domanda tohloq dubju fl-istess prova prodotta permezz tal-affidavits u konsegwentement anke dan id-dubju kellu jmur favur l-appellant.

Illi anke jekk wiehed jezamina hafif l-istess affidavit ta' PS1033, jirrizulta li PS1033 stqarr li Christian Bajada [li ma ttella qatt bhala xhud] a tempo vergine kien qallu li l-isparatura sehhet 'ghal havta ta' 15:45 certu Shawn Camilleri (appellant) .. kien gie l-Ghassa tal-Qawra'. Anke hawn wiehed isaqsi jekk l-isparatura sehhet, skond Christian Bajada ghal-habta tal-15:45, l-esponenti appellant kien qieghed diga` jigi mitkellem mill-Pulizija?

4. Illi fir-raba`, lok jinghad ukoll fl-istess affidavits li n-nies prezenti kienu taw lill-pulizija numru ta' registrazzjoni tal-vettura. Lanqas hawn ma ngabet ebda' prova kif solitament isir da parti ta' Transport Malta li ggib konferma li l-vettura kienet effettivament tappartjeni f'isem l-appellant, multo magis l-aqwa prova. Hadd ma ttella jixhed dwar min kien is-sid ta' din l-istess vettura.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fis-sbatax (17) ta' Dicembru tal-elfejn u hdax (2011) ghal habta ta'15:45 hours l-appellant Shawn Camilleri kien qieghed fil-bajja tal-Mistra bil-vettura tieghu Terios GBD 826. F'din il-bajja kien hemm grupp ta' nies illi kienu qieghdin isuqu dghajjes bir-radio control, fosthom Jonathan Bugeja u Jason Cassar. Hin minnhom jisimghu tir ta' senter u jaraw gawwija taqa' fil-bahar. Jason Cassar rikeb id-dinghy sabiex jigbor din il-gawwija mill-bahar u wara illi l-pulizija giet infurmata bl-incident ghadda din it-tajra lill-pulizija. Min-naha taghhom ghaddewha lil Stanley Gatt mid-Direttorat tal-Ambjent. Dan xehed illi din it-tajra kienet maghrufa bhala "black headed gull", kienet protetta u ma kinitx ilha mejta aktar minn sitt (6) sieghat. L-appellant gie investigat minn PS 1033 Sandro Mangion kif ukoll minn PC 106 C. Abela. Sandro Mangion jghid illi wara li kien kellem lill-persuni illi kien hemm fuq il-post, kellem ukoll lill-appellant illi ammetta illi huwa kien qieghed il-Mistra bejn 14:30 hours u 15:00 hours b'Diahatsu Terios bin-numru ta' registrazzjoni GBD 826. Qal illi kien hemm biex jistad izda kellu senter mieghu. Però cahad illi spara fuq il-gawwija. PC 106 C. Abela ukoll ikkonferma hafna mir-rizultanzi illi rrizultaw lis-Surgent Mangion, biz-zieda li l-appellant ammetta illi kien hu illi spara ghal din il-gawwija u kien anke talabha lil xi nies illi kienu gabruha mill-bahar (fol 35).

Ikkunsidrat:

Fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-appellant qieghed jargumenta illi ma hemmx provi bizzejjed sabiex jinstab hati ghal dan ir-reat. Dan ghaliex ix-xhieda li

gew prodotti quddiem il-Qorti hadd minnhom ma identifika jew gharaf lill-appellant u terga' hemm konflitt fl-affidavit tas-Surgent Mangion u dak ta' PC 106 Abela.

Ikkunsidrat:

Huwa minnu illi din il-Qorti innutajt certa riluttanza mix-xhieda moghtija mill-persuni illi kienu fil-post u cioè Jonathan Bugeja u Jason Cassar. Meta dawn kellmu lis-Surgent Mangion dakinhar tal-incident taw informazzjoni ferm aktar dettaljata minn dak illi taw il-Qorti ghad li m'ghaddiex daqshekk zmien minn dakinhar tal-incident u l-gurnata tad-depozizzjoni taghhom. Madankollu meta l-Qorti tqis l-assjem tal-provi ssib illi hija moralment sodisfatta illi kien l-appellant illi effettivament spara u qatel tajra protetta. Il-Qorti tasal ghal din il-konkluzjoni meta tqis illi rrizulta minghajr ebda dubbju illi l-appellant kien fuq il-post tal-incident, kien qed isuq il-karozza Terios minn fejn harget l-isparatura, ma nnegax illi kellu senter mieghu dak il-hin u dan abbinat mal-ammissjoni tieghu ma' PC 106 Abela, iwassal din il-Qorti ghall-konvinciment morali dwar ir-reata tal-appellant.

Rigward il-konflitt bejn ix-xhieda moghtija mis-Surgent Mangion u PC Abela l-Qorti taghmel riferenza ghall-artikolu 638(2) tal-Kap. 9 li jghid illi xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatti, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. Din il-Qorti jidhrilha illi x-xhieda ta' PC Abela ghandha tigi emmnuta peress illi dina tinkwadra fis-shih ma dan ir-reat u c-cirkostanzi illi kien jinstab fihom l-appellant.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet liberament u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------